OHSA
Occupational Health & Safety Authority

# Strument Amministrattiv dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mill-*Heat Stress* fuq is-Siti tal-Kostruzzjoni

AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

**Strument Amministrattiv Numru 2 tal-2025**

*Ir-Ref tagħna: OHSA/ADMIN INST/02/2025*

*23 ta' Lulju 2025*

*Preambolu*

*L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) qed toħroġ dan l-Istrument Amministrattiv biex tkompli bil-mandat tagħha taħt Kapitlu 646 tal-Liġijiet ta' Malta u speċifikament, skont Artiklu 17 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol.*
*Għalhekk, filwaqt li l-OHSA tirrikonoxxi li x-xogħol fil-kostruzzjoni jinvolvi riskju ogħla għall-benesseri tal-ħaddiema u filwaqt li l-OHSA tagħmel ħilitha biex toffri sorveljanza ogħla dwar il-miżuri protettivi għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali li qed jittieħdu mid-detenturi ta' dmir skont it-termini tal-leġiżlazzjoni prevalenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, qed tippubblika dan l-istrument amministrattiv bil-għan li tintroduċi rekwiżiti statutorji fir-rigward tal-miżuri protettivi u preventivi li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kostruzzjoni li jaħdmu direttament fix-xemx.*

---

1. **Titolu**

   Dan l-istrument jista' jissejjaħ l-Istrument Amministrattiv għall-protezzjoni aħjar tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni u tal-persuni li jaħdmu għal rashom, li jaħdmu direttament fix-xemx u l-protezzjoni tagħhom minn indiċi UV għolja, b'mod partikolari matul il-perjodi ta' intensità għolja tax-xemx.

2. **Bidu**

   Dan l-Istrument Amministrattiv għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2025.

3. **Tifsir**

"Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Kapitolu 646 tal-Liġijiet ta' Malta);

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kif imwaqqfa bl-Artikolu 4 ta' l-Att;

"detentur ta' dmir" tfisser kwalunkwe persuna li għandha dmir jew obbligu li twettaq u, jew ir-responsabbiltà li tiżgura li jitwettaq dmir jew obbligu bis-saħħa ta' xi rekwiżit ta' dan l-Att jew ta' leġiżlazzjoni sussidjarja;

"klijent" tfisser il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett skont ir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 646.25 (A.L. 88 tal-2018)[1];

"sit ta' kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe sit ta' kostruzzjoni li fih isiru xogħlijiet ta' bini jew inġinerija ċivili, li lista mhux eżawrjenti tagħhom tingħata fl-Iskeda I tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 646.25 (A.L. 88 tal-2018);

"Strument Amministrattiv" tfisser tali strumenti skont l-artikolu 17 li huma meħtieġa sabiex jaqdu l-funzjonijiet tal-Awtorità u għandha tinkludi kwalunkwe ordni, direttiva, protokoll, linja gwida, memorandum ta' spjegazzjoni, ċirkolari ta' informazzjoni, inkluż avviżi, jew kwalunkwe pubblikazzjoni oħra maħruġa mill-Awtorità;

"supervisor tal-proġett" tfisser kull persuna naturali jew legali responsabbli għas-superviżjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' proġett, imqabbad minn klijent skont ir-Regolamenti

[1] A.L. 88 ta' l-2018 se jkun imħassar u mibdul mill-A.L. 52 ta' l-2025 li se jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Settembru 2025.

dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 646.25 (A.L. 88 tal-2018);

"Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Saħħa u s-Sigurtà mwaqqaf bl-Artikolu 23 ta' l-Att.

4. **Għan**

Il-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom mill-*heat stress* fis-siti tal-kostruzzjoni.

5. **Applikabilità**

Dan l-Istrument Amministrattiv japplika għad-detenturi ta' dmir kollha involuti f'attivitajiet relatati max-xogħol ta' kostruzzjoni li jsir direttament fix-xemx.

6. **Miżuri u rekwiżiti regolatorji skont dan l-Istrument Amministrattiv**

6.1. Fejn skont ir-Reg. 10 (1) tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 646.11) kull prinċipal u persuna li taħdem għal rasha għandhom jagħmlu jew jiżguraw li ssir evalwazzjoni tar-riskju li tikkonċerna l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol u li l-miżuri kollha meħtieġa ta' kontroll ikunu fis-seħħ sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qed jaħdmu direttament fix-xemx, il-miżuri u r-rekwiżiti regolatorji li ġejjin qegħdin jinħarġu mill-Awtorità skont dan l-Istrument Amministrattiv:

6.1.1. Il-provvista ta' stazzjonijiet ta' idratazzjoni bi provvista adegwata ta' ilma tax-xorb.

6.1.2. Il-ħaddiema għandhom jingħataw waqfiet regolari ta' idratazzjoni kif meħtieġ f'żoni identifikati b'temperaturi iktar baxxi, filwaqt li titqies in-natura tax-xogħol li jkun qed isir, id-daqs u n-natura tas-sit.

6.1.3. Il-provvista ta' kenn għall-ħaddiema bħal, iżda mhux limitati għal, tined jew skrins jew miżuri oħra li jnaqqsu l-espożizzjoni għal livelli tal-UV fejn hu possibbli.

6.1.4. Il-provvista ta' *suncreen* adegwat (eż. *creams*) b'SPF għoli.

6.1.5. L-inkoraġġiment tal-ħaddiema biex jilbsu ħwejjeġ ħfief u, jew ħwejjeġ oħra li jipproteġu kontra r-riskji mis-sħana u, jew mix-xemx fejn possibbli. Iżda dan m'għandux jippreġudika l-użu ta' lbies protettiv personali meħtieġ skont l-evalwazzjoni tar-riskju. Il-prattika li jitħallew ħaddiema mingħajr lbies xieraq fuq is-sit għandha tkun ipprojbita.

6.2. Il-miżuri protettivi u preventivi għandhom iqisu wkoll fatturi oħra li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet ambjentali, personali u tax-xogħol; li kollha jistgħu jinfluwenzaw it-tolleranza għas-sħana, u li għandhom jiġu inklużi wkoll kif applikabbli fl-evalwazzjoni tar-riskju.

6.3. F'każ li t-temperatura ambjentali tilħaq jew taqbeż l-40 grad Celsius, kif irrappurtat uffiċjalment mill-Uffiċċju Meteoroloġiku fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, is-supervisor tal-proġett għandu, b'konsultazzjoni mad-detenturi ta' dmir rispettivi, jevalwa l-kundizzjonijiet prevalenti tas-sit u jiżgura li jiġu implimentati miżuri protettivi u preventivi xierqa biex jissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, forniment ta' żoni ta' mistrieħ fid-dell, aktar waqfien ta' idratazzjoni, skedar tax-xogħolijiet, jew is-sospensjoni parzjali jew temporanja ta' xogħlijiet li jkunu qed isiru direttament fix-xemx fejn jitqies meħtieġ.

6.4. Fejn, mingħajr preġudizzju għad-dmirijiet ġenerali imposti fuq il-prinċipali u l-persuni li jaħdmu għal rashom, ikun id-dmir tas-supervisor tal-proġett maħtur li jiżgura li dawn il-miżuri jkunu fis-seħħ u implimentati mid-detentur ta' dmir relevanti fis-siti applikabbli u għal fejn jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istrument Amministrattivi, inkluż billi jinkoraġġixxi l-iskedar tal-attivitajiet tax-xogħol f'sigħat tal-ġurnata b'temperaturi aktar baxxi biex tiġi żgurata l-osservanza ta' dan l-Istrument.

6.5. L-eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' klawsola 6.3 għandha tkun permessa biss jekk tali xogħlijiet ikunu ta' interess nazzjonali, f'liema każ għandhom jiġu rakkomandati miżuri aktar stretti mis-supervisor tal-proġett maħtur u implimentati mid-detenturi ta' dmir relevanti. Rekord ta' tali eżenzjonijiet, il-ġustifikazzjoni tagħhom u l-miżuri aktar stretti implimentati għandhom jinżammu bil-miktub mis-supervisor tal-proġett.

7. **Dispożizzjonijiet legali mhux eżawrjenti**

***Id-Dmir Ġenerali ta' Kura***

*L-Artikolu 12 (1) tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol jimponi dmir fuq il-prinċipal li "jiżgura l-benesseri fiżiku u psikoloġiku tal-ħaddiema tiegħu f'kull waqt u tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jkun qiegħed jitwettaq għal dak il-prinċipal fuq il-post tax-xogħol tagħhom".*

Ir-responsabbiltajiet u l-obbligi kollha msemmija fl-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, u kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja taħt dan l-Att għandhom jiġu osservati.

Il-Prinċipji Ġenerali taħt ir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 646.25 (A.L. 88 tal-2018) u taħt ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 646.11) huma inklużi.

Id-dispożizzjonijiet statutorji applikabbli għall-prinċipali huma imposti wkoll fuq persuni li jaħdmu għal rashom bis-saħħa tal-Artikolu 16 tal-Att.

Skont klawsola 7 tal-Iskeda IV (Parti A) tar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), L.S. 646.25 (A.L. 88 tal-2018), it-temperatura matul il-ħinijiet tax-xogħol, għandha tkun xierqa għall-bniedem, skont il-metodi tax-xogħol użati u l-esiġenzi fiżiċi meħtiega mill-ħaddiema.

## 8. **Dispożizzjonijiet ulterjuri**

L-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tvarja, tistabbilixxi kundizzjonijiet, proċeduri, rekwiżiti, tibdil, limitazzjonijiet addizzjonali, jew emendi oħra meħtieġa għall-istrument vinkolanti li jirregola miżuri relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

## 9. **Appell u proċess ta' reviżjoni**

Kull persuna li tista' tħossha aggravata bl-applikazzjoni ta' dan l-Istrument Amministrattiv tista' tappella quddiem it-Tribunal, fuq email: appeals.hst@gov.mt fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol, skont il-proċedura stabbilita mill-istess Tribunal.

Iffirmat minn:

Dr Josianne Cutajar

Kap Eżekuttiv

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol